BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru.** **3/2013**

**Data tal-pubblikazzjoni:** **28 ta' Ġunju 2013**

**Marzu 2013**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar il-ħruġ tal-istatistika monetarja għax-xahar ta' Marzu 2013.

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro żdiedet bi €313.4 miljun, jew bi 3.0%, għal €10.7 biljun (ara Tabella 1). B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali aċċellerat għal 9.0% f'Marzu, minn 6.2% x-xahar ta' qabel. Kollox ma' kollox, id-depożiti tal-kumpaniji mhux finanzjarji kienu l-kontributuri ewlenin tat-tkabbir fl-M3 f'Marzu.

Iż-żieda xahar fuq xahar seħħet l-aktar minħabba żieda fil-komponent monetarju ristrett (M1), li kiber b'€227.1 miljun, jew bi 3.8%, wara żieda fid-depożiti *overnight*, kif ukoll fil-flus maħruġa. Id-depożiti *overnight* żdiedu b'€219.8 miljun, jew b'4.1%, l-aktar minħabba żieda fil-bilanċi ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji u individwi. Il-flus maħruġa żdiedu b'€7.3 miljun, jew b'1.0%, matul ix-xahar. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M1 kompliet taċċellera għal 11.9% minn 8.9% fi Frar.

L-M2 hi magħmula mill-M1 flimkien ma' żewġ kategoriji tad-depożiti. Minn dawn, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas żdiedu b'€79.4 miljun, jew b'1.9%, minħabba żieda fil-bilanċi ta' kumpaniji mhux finanzjarji, partikolarment dawk residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro. Sadattant, id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew inqas, jiġifieri l-kumplament tal-komponent M2, żdiedu b'€0.5 miljun, jew b'0.4%. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M2 aċċellerat għal 9.4% minn 6.6% fi Frar.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lil residenti taż-żona tal-euro żdied b'€110.4 miljun, jew b'0.7%, hekk kif żieda fi kreditu lill-gvern ġenerali għelbet tnaqqis fil-kreditu mogħti lil residenti oħra. B'riżultat ta' dan, il-kreditu naqas b'rata annwali inqas mgħaġġla ta' 0.9% f'Marzu, wara tnaqqis ta' 3.7% fi Frar.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali żdied b'€182.2 miljun, jew b'5.1%, f'Marzu hekk kif il-banek żiedu l-ammont ta' dejn tal-gvern miżmum minnhom. Matul ix-xahar, l-IFM residenti żiedu l-ammonti miżmuma minnhom ta' titoli maħruġa minn gvernijiet oħra fiż-żona tal-euro, kontra t-tendenza ġenerali li dehret sa mit-tmiem l-2011.

B’kuntrarju għal dan, il-kreditu lil residenti oħra naqas b’€71.8 miljun, jew b’0.6%, l-aktar minħabba tnaqqis fis-self mogħti lil intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek residenti f’pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM Maltin u residenti ta’ pajjiżi barra ż-żona tal-euro, żdiedet b’€624.8 miljun, jew b’6.2%. Dan irrifletta żieda fl-ammont ta’ obbligazzjonijiet ta’ barranin flimkien ma’ tnaqqis fl-obbligazzjonijiet korrispondenti.

Il-kategorija ‘il-kontropartijiet l-oħra’, li taħdem bil-maqlub tal-M3, żdiedet b’€421.8 miljun, jew bi 2.8%, f’Marzu minħabba żieda f’obbligazzjonijiet oħra (netti), li seħħet minħabba transazzjonijiet bejn banek residenti f’Malta u banek residenti f’pajjiżi oħra taż-żona tal-euro. Fl-istess waqt, l-obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali żdiedu b’€71.7 miljun minħabba żieda fid-depożiti tal-gvern. B’kuntrarju għal dan, l-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal naqsu bi €42.3 miljun, jew b’0.3%, wara l-ħlas ta’ dividendi.

**Transazzjonijiet ma’ residenti Maltin: depożiti u self**

F’Marzu, id-depożiti ta’ residenti Maltin miżmuma ma’ IFM Maltin żdiedu b’€220.3 miljun, jew bi 2.5% (ara Tabella 2). Minħabba f’hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali aċċellerat għal 6.9% minn 5.2% x-xahar ta’ qabel (ara Grafika 1).

Id-depożiti *overnight* żdiedu b’€208.6 miljun, jew b’4.1%, matul ix-xahar, l-aktar minħabba bilanċi ogħla ta’ kumpaniji privati mhux finanzjarji u individwi. B’riżultat ta’ dan, ir-rata tat-tkabbir annwali ta’ dawn id-depożiti rpiljat għal 13.1% minn 9.8% fi Frar.

Primarjament minħabba żieda fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji mhux finanzjarji, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas żdiedu bi €11.2 miljun, jew b’0.3%. Madankollu, din il-kategorija tad-depożiti naqset b’0.4% matul it-tnax-il xahar sa Marzu, wara tnaqqis annwali ta’ 0.1% fix-xahar ta’ qabel.

Sadattant, id-depożiti li jinfdew b’avviż ta’ tliet xhur jew inqas żdiedu marġinalment b’€0.5 miljun, jew b’0.4%.

F’Marzu, il-kreditu mogħti minn IFM Maltin lil residenti Maltin żdied b’€116.7 miljun, jew b’1.0%. Minħabba f’hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu aċċellerat għal 2.1% minn 0.9% fi Frar (ara Grafika 2).

Il-kreditu lill-gvern ġenerali żdied b’€44.8 miljun, jew b’1.8%, hekk kif il-banek żiedu l-ammonti ta’ *bills* tat-Teżor u titoli tal-Gvern ta’ Malta miżmuma minnhom. B’riżultat ta’ dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lill-gvern ġenerali nbidlet f’waħda pożittiva ta’ 1.7% minn -0.9% x-xahar ta’ qabel.

Sadattant, il-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali żdied bi €72.0 miljun, jew b’0.8%, wara żieda fis-self li rriflettiet parzjalment l-imgħax dovut. Is-self mogħti lil kumpaniji privati mhux finanzjarji żdied, partikolarment lil dawk li joperaw fis-settur tal-manifattura. Fl-istess waqt żdied ukoll is-self mogħti lil individwi, għalkemm b’rata inqas mgħaġġla, u dan seħħ minħabba self għal xiri tad-djar. Minħabba f’hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lil residenti oħra telgħet għal 2.3% f’Marzu, minn 1.4% x-xahar ta’ qabel.

## Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin żdiedu b'€157.4 miljun, jew b'1.3%, matul ix-xahar, hekk kif l-obbligazzjonijiet barranin żdiedu aktar mill-obbligazzjonijiet korrispondenti (ara Tabella 2).[1] Iż-żieda fl-obbligazzjonijiet barranin seħħet l-aktar minħabba żieda f'depożiti miżmuma ma' IFM barranin, filwaqt li l-obbligazzjonijiet korrispondenti żdiedu minħabba self ogħla mill-banek residenti minn banek barranin. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-assi barranin netti aċċellerat għal 7.4% minn 4.4% fi Frar.

## Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[2]

F'Marzu, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM Maltin fuq id-depożiti kollha miżmuma mill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji Maltin niżlet b'punt bażi għal 1.43%. Sadattant, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax mitluba mill-IFM fuq is-self lil individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti baqgħet l-istess, jiġifieri 4.33%.

Ir-rata medja tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti kienet żewġ punti bażi iktar minn dik ta' Marzu 2012, filwaqt li dik mitluba fuq is-self kienet erba' punti bażi inqas.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta [www.centralbankmalta.org](http://www.centralbankmalta.org)***

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[2] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. L-individwi jinkludu wkoll istituzzjonijiet li jipprovdu servizz lill-individwi bla qligħ. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.